| **Mis- sena 2021 ‘l quddiem**<br>Meta impjegat ikun skedat:- | | |
|---|---|---|
| Ġurnata | NSO&WROs bla rati speċjali tal-Festi Pubbliċi: | Paga Normali + Intitolament tal-Festa Pubblika |
| | WROs bir-rati speċjali tal-Festi Pubbliċi: | Paga Normali + Intitolament tal-Festa Pubblika* + rata speċjali għas-sigħat maħduma fejn applikabbli (WROs) |
| Billejl | Paga Normali + Intitolament tal-Festa Pubblika [sigħat maħduma min-nofsillejl sa nofsillejl] kif provdut miw- WRO applikabbli<br>Eż. Servizzi ta Sigurtà WRO = vacation leave addizzjonali miżjud; Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut WRO = ħlas bid-doppju<br>NSO = jew rata fissa oħra jew addizzjoni mal- vacation leave (l-għażla għad-diskrezzjoni tal- imgħallem) | |
| *Rest* | Normal Wage + Public Holiday entitlement [*hrs worked midnight to midnight*] as provided in the applicable WRO<br>E.g. Private Security WRO = extra vacation leave added; Wholesale & Retail Trades WRO = payment at double time<br>NSO = either another flat rate or extra vacation leave added (choice at the employer's discretion) | |
| Off (Festa Pubblika fi kwalunkwe ġurnata mit-Tnejn sal-Ħadd) | Mal-*vacation* leave annwali għandhom jiżdiedu l-ekwivalenti tas-sigħat ta’ġurnata *vacation leave* . | |
| Ġurnata *In* (fi kwalunkwe ġurnata mit-Tnejn sal-Ħadd) | Paga Normali + Intitolament tal-Festa Pubblika* + rata speċjali għal dawk is-sigħat maħduma fejn applikabbli (WROs). | |
| Ġurnata *Out* (fi kwalunkwe ġurnata mit-Tnejn sal-Ħadd) | Mal-*vacation leave* annwali għandhom jiżdiedu l-ekwivalenti tas-sigħat ta’ġurnata *vacation leave* . | |
| Ġurnata normali ta’ xogħol iżda jittieħed is-sick leave (ħaddiema bix-xift) | Sigħat tas-*sick leave* mnaqqsa, sigħat tal- Festa Pubblika miżjuda [*sigħat min-nofsillejl sa nofsillejl tal-Festa* ]. | |
| Ġurnata normali ta’ xogħol iżda jittieħed is-sick leave (ħaddiema bla xift) | Jekk waqt perjodi ta’ sick leave mħallas, Festa Pubblika mħallsa iżda sigħat tas-sick leave mhux imnaqqsa.<br>Jekk waqt sick leave bla ħlas, il-Festa Pubblika ukoll mhux imaħllsa. | |
| Ġurnata normali ta’ xogħol iżda jittieħed *vacation leave* (shift employees) | Jum wieħed *vacation leave* mnaqqsa u sigħat ta ‘xogħol skedati fuq Festa Pubblika miżjuda mal-bilanċ tal-*vacation leave* . | |
| Kwalunkwe perjodu ta’ leave bla ħlas | L-ebda intitolamenti tal- festi pubbliċi | |

*** IMP rati speċjali japplikaw kif provdut fiw-WRO applikabbli
* Kif provdut f’ LS Regolamenti dwar Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol art 8.5

**INTITOLAMENT TAL-FESTI PUBBLIĊI**

I) Meta s-sigħat huma parti mis-sigħat normali ta' xogħol: Meta festa pubblika [jew parti minnha] ma tkunx gawduta mill-impjegat peress li isir ix-xogħol, l-impjegat għandu jiġu kkumpensat għal din il- festa pubblika jew billi jiżdiedu l- ekwivlanti tas-sigħat mal- bilanċ tal- vacation leave jew billi jitħallas 1:1 għas-sigħat maħduma f'din il- festa pubblika. Il- kumpens tal- festa pubblika huwa distint mir-rati speċjali applikabbli għal xogħol li sar fil- festi pubbliċi, kif provdut fir-regolazzjonijiet applikabbli.

II) Meta s-sigħat maħduma huma iktar mis-sigħat normali ta' ħidma tal- ġimgħa: Jekk l-impjegat ġie mgħajjat għax-xogħol f' ġurnata li fiha kien skedat bħala off, l- ekwivalenti tas-sigħat ta' ġurnata vacation leave għandha tiżdied mal- intitolament tal- leave annwali tal- impjegat, minbarra l- ħlas pagabbli għas- sigħat maħduma u rati speċjali applikabbli oħra, skont r-regolazzjonijeit applikabbli.

III) Meta festa pubblika tinzerta f'ġurnata ta' mistrieħ: Distinzjoni għandha ssir bejn il- ġurnata ta' mistrieħ li hija magħrufa bħala ġurnata ta' mistrieħ bla interruzzjonijiet bejn nofsillejl u nofsillejl – li hija ġeneralment msejħa "**off**" – u ġurnata ta' mistrieħ f' sekwenza ta' xifts, bħal *Day-Night-**Rest**-Off*. Meta il- festa pubblika tinzerta fil- ġurnata **off**, l- ekwivalenti tas-sigħat ta' ġurnata vacation leave għandhom jiġu miżjuda mal- intitolament tal- leave annwali tal- impjegat. Meta festa pubblika tinzerta fil- ġurnata **rest**, kif spjegat hawn fuq, ix- xogħol li jsir fil- festa pubblika għandu jiġi kkumpensat kif spjegat fi (I), skont ir- regolazzjonijiet applikabbli.